MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-1 ta' Novembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 306/2018 LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

***vs.***

**Renald Camilleri (K.I. numru 75481M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-4 ta' April, 2018 mis-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c.** (C 2833), (minn issa 'l quddiem "il-bank attur"), u maħluf minn Johanna Bartolo (K.I. numru 129569M), li jgħid kif ġej:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata datata 7 ta' Ottubru 2008 (Dok. 'A'), fejn is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Renald Camilleri.*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Renald Camilleri fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf, u tmienja u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16), bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Renald Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c.*

*(Dok. 'B'), flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-16 ta' Marzu 2018 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bħala Dok. 'A'), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Renald Camilleri:*

   *(a) Naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata (b), kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikati, u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Renald Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Renald Camilleri ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Jannar 2010, li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. 'C', sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew iżjed mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bħala Dok. 'A'), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Renald Camilleri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (ċ) kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Renald Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Renald Camilleri jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, u tmienja u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16), bilanċ għad-debitu fil-'Loan Account' ta' Renald Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'B'), flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-16 ta' Marzu 2018 sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 18 ta' Jannar 2010 kontra l-konvenut u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenut li huwa inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Renald Camilleri** (K.I. numru 75481M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), li ġiet ippreżentata fid-9 ta' Mejju, 2018, u maħlufa mill-mandatarju speċjali tiegħu Anton Camilleri (K.I. numru 869148M), fejn eċċepixxa:

1. *Illi fl-ewwel lok u preliminarjament in-notifika tal-atti ta' din il-kawża mhijiex valida stante li saret fid-dar tal-ġenituri tal-konvenut, li ma jirrisjedix hemm u ilu jgħix fl-esteru diversi snin;*

2. *Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut jeċċepixxi bir-rispett illi t-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi mhumiex dovuti u hu m'għandu xejn x'jagħtihom;*

4. *Illi dawn il-fatti Anton Camilleri noe sar jafhom wara li ddiskutihom mal-konvenut ibnu Renald Camilleri li mhuwiex residenti Malta;*

5. *B'riserva ta' difiża ulterjuri.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-konvenut jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet attriċi bħala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u tiddikjara li l-konvenut m'għandux xejn x'iħallas lill-atturi, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' April, 2019 fejn il-partijiet ngħataw terminu sabiex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-bank attur jgħid li wara li kien ikkonċeda faċilitajiet ta' self bankarju lill-konvenut, dan is-self baqa' ma tħallasx lura mill-konvenut. Il-każ imur lura għal qabel is-sena 2008, meta l-konvenut kellu faċilitajiet ta' self għad-dispożizzjoni tiegħu li ġew konċessi lilu mill-bank attur għal raġunijiet varji, fosthom għax-xiri ta' vettura. Permezz ta' *sanction letter* tas-7 ta' Ottubru, 2008, il-faċilitajiet ta' self kollha li kellu l-konvenut kienu ġew ristrutturati f'faċilità waħda. Permezz ta' dawn il-proċeduri, il-bank attur qiegħed jilmenta li l-konvenut naqas milli jagħmel il-ħlasijiet dovuti minnu, li kien inadempjenti fl-obbligi assunti minnu mal-bank, kif ukoll li l-konvenut kellu minn tibdil materjali fiċ-ċirkostanzi tiegħu li affettwaw il-possibilità li jħallas lura l-imsemmi debiti. Il-bank attur interpella lill-konvenut jersaq għall-ħlas tad-debiti dovuta minnu permezz ta' ittra uffiċjali tat-18 ta' Jannar, 2010, iżda l-konvenut baqa' inadempjenti. Permezz tal-kawża mressqa minnu, il-bank attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-*events of default* stipulati fis-*sanction letter* maħruġa mill-bank, u għalhekk il-konvenut għandu jiġi kkundannat iħallas lura s-somma ta' tlieta u ħamsin elf, u tmienja u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16) rappreżentanti l-bilanċ tad-debitu fil-kont tas-self tal-konvenut, bl-imgħaxijiet ulterjuri b'effett mid-data tas-16 ta' Marzu, 2018, sad-data tal-ħlas effettiv.

Min-naħa tiegħu l-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-bank attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont mhu dovut minnu lill-bank. Inoltre l-

konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi u riżultanzi**

Il-bank attur esebixxa kopja tas-*sanction letter* maħruġa minnu fis-7 ta' Ottubru, 2008[1], li permezz tagħha l-Bank of Valletta p.l.c. informa lill-konvenut li kien ser jingħata faċilità ta' self fl-ammont ta' tletin elf u ħamsin Euro (€30,050), bit-termini u kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess ittra. Annessa ma' din l-ittra hemm skeda li telenka liema huma l-*events of default.*[2] Ġie esebit ukoll *statement of account* fir-rigward tal-kont tal-konvenut, minn fejn jirriżulta li sal-15 ta' Marzu, 2018, il-konvenut kellu jagħti s-somma ta' tlieta u ħamsin elf u tmienja u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16) lill-bank attur, li minnhom tletin elf, mija u sitta u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu (€30,146.12) huma kapital, filwaqt li l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija u żewġ Euro u erba' ċenteżmi (€22,902.04) huma imgħaxijiet fuq il-kapital.[3] Ġiet esebita wkoll kopja tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Jannar, 2010, li permezz tagħha l-bank attur interpella lill-konvenut għall-ħlas tad-debitu u l-imgħaxijiet dovuti minnu.[4]

Il-bank attur ippreżenta *affidavit* ta' **Johanna Bartolo**[5], li hija vestita bir-rappreżentanza legali tal-bank attur, li qalet li l-Bank of Valletta p.l.c. kien ikkonċeda faċilitajiet bankarji lil Renald Camilleri permezz ta' ittra tas-7 ta'

[1] *A fol.* 4 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess.
[3] *A fol.* 9 tal-proċess.
[4] *A fol.* 11 tal-proċess.
[5] *A fol.* 17 tal-proċess.

Ottubru, 2008, u sa dakinhar li nbdew dawn il-proċeduri, il-bank attur kien kreditur tal-konvenut fis-somma ta' tlieta u ħamsin elf u tmienja u erbgħin euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16), flimkien ma' mgħax ulterjuri mid-data tas-16 ta' Marzu, 2018 sad-data tal-pagament effettiv. Ix-xhud qalet li kien hemm għadd ta' ġrajjiet elenkati fis-*sanction letter* li f'każ li jseħħu setgħet tiġi pperikolata jew affettwata ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tad-debitu dovut lill-bank attur, fosthom li l-konvenut naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-bank skont kif stipulat fl-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet, kif ukoll li kien inadempjenti f'obbligi oħra assunti minnu fl-istess skrittura, jew inkella kien hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom il-konvenut. Ix-xhud ikkonkludiet li minkejja li kienet intbagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut, li permezz tagħha dan ġie interpellat jersaq għall-ħlas tad-dejn dovut minnu, dan kien baqa' inadempjenti.

Permezz ta' nota tal-1 ta' Ġunju, 2018[6], il-konvenut ippreżenta prokura speċjali li permezz tagħha huwa awtorizza lil missieru Anton Camilleri jirrappreżentah f'dawn il-proċeduri, fost materji oħra.

Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ġunju, 2018 xehdet **Marisa Debono**[7], *relationship manager* fid-*debt management department* tal-bank attur, li qalet li r-relazzjoni tal-konvenut mal-bank attur taqa' taħt il-portafoll tagħha. Hija qalet li minkejja diversi tentattivi sabiex jiġi stabbilit kuntatt mal-konvenut, permezz ta' telefonati, *emails,* ittra uffiċjali, dan xorta waħda naqas milli jwieġeb b'xi mod lill-bank. Ix-xhud spjegat li oriġinarjament il-konvenut kellu żewġ *loans,* u self fuq *credit cards*, kif ukoll *budget account,* iżda fis-7 ta' Ottubru, 2008 is-

[6] *A fol.* 28 tal-proċess.
[7] *A fol.* 30 tal-proċess.

self kollu li dan kellu nġabar f'kont wieħed, u nħarġet *sanction letter* ġdida mill-bank attur fir-rigward tal-konvenut. Ix-xhud spjegat li l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, erba' mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€22,496.79) kien ikopri tliet *loans* li ngħataw lill-konvenut, fosthom self biex tinxtara vettura, li ngħata fil-25 ta' Marzu, 2006 u li kien jammonta għal ħdax-il elf, tmien mija u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€11,830.32), self għax-xiri ta' żiemel li ngħata fl-14 ta' Ġunju, 2007 u li kien jammonta għal sebat elef, disa' mija u ħmistax-il Euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€7,915.43), u self li ngħata f'*budget account* fl-14 ta' Novembru, 2007 fl-ammont ta' elfejn, seba' mija u wieħed u ħamsin Euro u erba' ċenteżmi (€2,751.04), li flimkien jammontaw għal tnejn u għoxrin elf, erba' mija u sitta u disgħin Euro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€22,496.79). Ix-xhud żiedet tgħid li l-bank kien irriżultalu li l-konvenut ma kienx qiegħed iħaddem il-*credit cards* tiegħu b'mod tajjeb, bir-riżultat li dawn il-*credit cards* kienu ngħalqu mill-bank, u minflok il-konvenut ingħata self bankarju, fl-ammont ta' sebat elef, ħames mija u wieħed u erbgħin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu (€7,541.62). Ix-xhud spjegat li l-*file* tal-konvenut għadda f'idejn diversi dipartimenti, u kienu saru diversi tentattivi biex jiġi stabbilit kuntatt mal-konvenut, kemm permezz ta' telefonati, messaġġi telefoniċi, u anki *emails,* sakemm il-ġenituri tal-konvenut kienu infurmaw lill-bank li l-konvenut kien telaq mill-pajjiż.

Permezz ta' nota tat-18 ta' Lulju, 2018, il-bank attur esebixxa għadd ta' dokumenti li juru l-andament tal-kontijiet tal-konvenut, anki permezz ta' *customer detail report,* b'dettalji dwar il-komunikazzjonijiet li kienu saru mal-

konvenut minn diversi uffiċjali tal-bank[8], kif ukoll ittra tat-28 ta' Lulju, 2011 fejn il-konvenut ġie mgħarraf bil-bidla fin-numru tal-kontijiet tiegħu.[9]

Il-konvenut ippreżenta l-*affidavit* tiegħu permezz ta' nota tat-12 ta' Ottubru, 2018[10], fejn qal li huwa kien ġie infurmat minn missieru li kienu nbdew proċeduri kontra tiegħu mill-bank attur, u kien għalhekk li huwa ħatar lil missieru bħala mandatarju speċjali tiegħu biex jirrappreżentah f'dawn il-proċeduri. Il-konvenut ċaħad li l-bank attur huwa kreditur tiegħu, jew li għandu jħallas lura xi ammonti lill-bank, u żied jgħid li huwa għamel din id-dikjarazzjoni *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenut qal li huwa kien ilu tmien snin li telaq minn Malta, u f'dan iż-żmien huwa ma kien irċieva ebda forma ta' komunikazzjoni mingħand il-Bank of Valletta. Il-konvenut qal li kull dokumentazzjoni li huwa rċieva mill-bank attur kien ħalliha fid-dar ta' ommu, u l-ġenituri tiegħu kienu ddisponew minn dawn id-dokumenti. Madanakollu żied jgħid li mill-memorja jiftakar li fl-2007 huwa kien ħa self flimkien mat-tfajla tiegħu Sarah Aquilina Clews, sabiex jixtru żiemel. Qal li meta hu u Aquilina Clews infirdu, iż-żiemel inkwistjoni kien inżamm minn Aquilina Clews, u s-self li l-partijiet kienu ħadu għax-xiri taż-żiemel kien ġie ttrasferit f'isem Sarah Aquilina Clews, bi qbil mal-*manager* tal-fergħa li l-Bank of Valletta p.l.c. għandu fil-Valletta Waterfront. Il-konvenut żied jgħid li kwalsiasi self li huwa kellu sa dak iż-żmien kien tħallas minnu, u kellu wkoll xi kontijiet li ngħalqu minnu għax ma kienx qiegħed jużahom. Il-konvenut qal li kien sorpriż bil-fatt li l-bank attur kien ipproċeda fil-konfront tiegħu wara għaxar snin, u qal ukoll li d-dettalji pprovduti lilu mill-bank attur,

[8] *A fol.* 36 tal-proċess.
[9] *A fol.* 41 tal-proċess.
[10] *A fol.* 45 tal-proċess.

xorta waħda m'għenuhx jifhem il-bank fuq xiex qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru, 2018 xehdet **Doris Camilleri**[11], li tiġi omm il-konvenut, li qalet li l-konvenut kien ilu li telaq minn Malta madwar tmien snin. Qalet li hija għad għandha kuntatt kontinwu ma' binha, u dakinhar li kienet irċeviet id-dar tagħha it-taħrika tal-bank attur, hija kienet infurmat lil binha b'dan minnufih. Żiedet tgħid li l-konvenut binha qalilha li min-naħa tiegħu huwa ma kellu xejn pendenti mal-bank attur, u hija kienet iċċekkjat fid-dar tagħha u ma sabet ebda dokumenti li setgħu ntbagħtu lil binha mill-imsemmi bank. Ix-xhud qalet li binha kien ilu li telaq minn Malta madwar seba' jew tmien snin, u kien qiegħed jgħix ir-Renju Unit. Ix-xhud tat l-uniku indirizz li kellha ta' binha, u qalet li kemm ilu li telaq minn Malta hija tieħu ħsieb li tiftaħ kull posta li tkun indirizzata lilu.

Waqt l-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018, sar il-kontroeżami ta' **Johanna Bartolo**[12], li qalet li hija għandha r-rappreżentanza legali tal-bank attur, u f'dan ir-rwol hi tassigura li d-dettalji fl-*affidavits* li jinkitbu jkunu korretti. Qalet ukoll li min-naħa tagħha hija qatt ma ltaqgħet jew b'xi mod ippruvat tikkomunika mal-konvenut.

Waqt l-istess udjenza xehed il-konvenut **Renald Camilleri**[13], li qal li huwa kien ilu aktar minn tmien snin li telaq minn Malta, u huwa m'għandu l-ebda dejn mal-bank attur. Qal li hu m'għandu l-ebda dokument fil-pussess tiegħu li seta' kellu fiż-żmien meta huwa kien klijent tal-bank attur, u sa fejn jaf hu s-self

[11] *A fol.* 47 tal-proċess.
[12] *A fol.* 57 tal-proċess.
[13] *A fol.* 59 tal-proċess.

bankarju li kien ingħata mill-bank attur kien ħallsu kollu. Qal ukoll li s-self li kien ħa ma' Sarah Aquilina Clews biex inxtara żiemel, kien inqaleb kollu fuqha għax iż-żiemel inkwistjoni kien ġie rreġistrat f'isimha. Il-konvenut qal li l-karti li kellu bid-dettalji dwar dan is-self u self ieħor kien ħalliehom id-dar tal-ġenituri tiegħu, li kienu ddisponew minnhom wara xi żmien. Il-konvenut qal li huwa siefer fl-2007, u wara li siefer huwa qatt ma rċieva xi dokument mill-bank. Il-konvenut ikkonkluda billi qal li qabel telaq minn Malta, huwa kien ta struzzjonijiet ċari lil ommu biex fl-assenza tiegħu, hija tieħu ħsieb li tiftaħ il-posta kollha indirizzata lilu u tinfurmah biha. Qal li fil-fatt huwa kien ġie mgħarraf bl-atti tal-kawża odjerna immedjatament.

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Marisa Debono**[14], li qalet li hija setgħet tagħti x-xhieda tagħha f'din il-kawża abbażi tad-dokumenti li sabet fil-*file* relattiv. Qalet li dak iż-żmien kien involva ruħu l-*branch manager,* ċertu Simon Pantalleresco, li kien iffirma s-*sanction letter* hu u kien ħa ħsieb ir-ristrutturar tal-kontijiet tal-konvenut. Ix-xhud spjegat li r-rapport ippreżentat mill-bank attur fl-atti ta' dawn il-proċeduri ittella' minn diversi nies li jaħdmu d-*debt collection unit,* li mmonitorjaw il-*file* qabel dan intbagħat id-*debt management department.* Ix-xhud spjegat li l-mod kif il-kontijiet tal-konvenut ġew ristrutturati jinsab dettaljat fis-*sanction letter* maħruġa mill-bank attur fis-7 ta' Ottubru, 2008. Ix-xhud qalet li b'ristrutturar wieħed għandu jifhem li l-konvenut kellu diversi *loans* li kienu jinkludu self għax-xiri ta' vettura, self għax-xiri ta' żiemel, *budget account,* kif ukoll żewġ *credit cards,* u dawn ġew amalgamati f'kont wieħed, anki biex ħajjet il-konvenut tiġi ffaċilitata billi jħallas id-dejn dovut minnu permezz ta' pagament wieħed.

[14] *A fol.* 66 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2019, reġgħet xehdet omm il-konvenut, **Doris Camilleri**[15], li qalet li rnexxielha ssib irċevuta maħruġa mill-Malta Racing Club fir-rigward ta' żiemel li l-konvenut u Sarah Aquilina Clews kellhom bejniethom.[16]

Waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar, 2019, xehed **Simon Pantalleresco**[17], li qal li hu jaħdem bħala *executive* mal-bank attur, u fl-2008 hu kien jaħdem bħala *branch manager* fil-fergħa li l-bank attur għandu fil-Waterfront tal-Belt Valletta. Ix-xhud qal li fuq is-*sanction letter* esebita mill-bank attur hemm il-firma tiegħu, kif ukoll dik tal-konvenut. Ix-xhud qal li s-*sanction letter* inkwistjoni hi fir-rigward ta' *liabilities* personali li kellu l-konvenut, u żied jgħid li huwa kien iltaqa' mal-konvenut fit-13 ta' Ġunju, 2008, li kellu jagħtih risposta sas-16 ta' Ġunju tal-istess sena dwar x'kien se jagħmel biex iħallas l-arretrati li kellu fuq il-kontijiet bankarji tiegħu. Ix-xhud qal li lilu rriżultalu li meta huwa beda jikkomunika mal-konvenut, dan kien diġà nfired minn ma' Sarah Aquilina Clews, u hu la qatt kien kellem lil din il-persuna u lanqas qatt ma ddiskuta magħha l-kontenut tas-*sanction letter* esebita. Żied jgħid li l-*budget account* li kellu l-konvenut kien miżmum flimkien ma' Sarah Aquilina Clews. Qal li f'dan il-każ kien hemm impjegati tal-bank attur li jaħdmu fis-sezzjoni tad-*debt collection unit* li bdew jippruvaw jikkomunikaw mal-konvenut. Ix-xhud ikkonferma li l-ftehim u s-*sanction letter* relattivi kienu ġew iffirmati mill-konvenut f'Ottubru tal-2008.

[15] A fol. 74 tal-proċess.
[16] *A fol.* 76 tal-proċess.
[17] *A fol.* 81 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2019 xehdet **Sarah Busuttil Naudi née Aquilina Clews**[18], li qalet li hija kienet għamlet perijodu ta' madwar għaxar xhur toħroġ mal-konvenut. Qalet li hija u l-konvenut kienu għamlu konvenju biex jixtru post bejniethom, liema post kien f'Baħar iċ-Ċagħaq, iżda meta r-relazzjoni ta' bejniethom spiċċat, kienu kkanċellaw il-konvenju u ma kellhomx bżonn jieħdu s-self mill-bank minħabba li ma kinux xtraw il-proprjetà li kienu beħsiebhom jixtru bejniethom. Ix-xhud qalet li s-self bankarju għax-xiri ta' żiemel kien ittieħed minnha personalment, u dak is-self kien tħallas minnha kollu kemm hu. Hija qalet li ż-żiemel, li għadu fil-pussess tagħha, kien inxtara minnha fl-2006, u l-konvenut ma kellu x'jaqsam xejn mas-self relatat mal-akkwist ta' dan iż-żiemel. Ix-xhud qalet li hija ma kienet ħadet l-ebda faċilitajiet mill-bank flimkien mal-konvenut, għax meta ħassru l-għerusija ta' bejniethom ma kienx baqgħalhom interess li jakkwistaw proprjetà flimkien. Ix-xhud qalet li s-self li hija kellha biex xtrat iż-żiemel kien ilu li tħallas madwar sitta jew seba' snin, u minn dak iż-żmien hija qatt ma kienet reġgħet semgħet xejn mingħand il-bank. Qalet ukoll li kienet ilha ma tkellem lill-konvenut madwar għaxar snin, miż-żmien meta r-relazzjoni ta' bejniethom kienet spiċċat. Fuq suġġeriment li sar mill-avukat difensur tal-konvenut, ix-xhud qalet li seta' kien il-każ li ż-żiemel inkwistjoni nxtara minnha u mill-konvenut flimkien, u wara li spiċċat l-għerusija ta' bejniethom hija kienet iddeċidiet li żżomm iż-żiemel u tibqa' tħallsu hi.

[18] *A fol.* 91 tal-proċess.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti eżaminat il-provi miġjuba quddiemha u xtarret dak li ntqal mid-diversi xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom fil-kawża, sabiex tasal għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-bank attur, tenut kont ukoll tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut. Il-bank attur ressaq provi dokumentarji li juru li fis-7 ta' Ottubru 2008, kienet ġiet konċessa faċilità bankarja lill-konvenut li permezz tagħha ġew ristrutturati l-kontijiet bankarji b'diversi debiti li dan kellu, b'tali mod li dan ingħata *re-financing* tas-self kollu li kien ġie konċess lilu preċedentement, bl-intendiment li jiġu ffaċilitati l-pagamenti perjodiċi li kellu jħallas. Il-Qorti semgħet kif il-kapital misluf mill-bank attur lill-konvenut kien jammonta għal €30,146.12.[19] Flimkien mal-imgħaxijiet dovuti sal-15 ta' Marzu, 2018, meta ġew ippreżentati l-atti ta' din il-kawża, l-ammont dovut mill-konvenut kien ta' tlieta u ħamsin elf, u tmienja u erbgħin Euro u sittax-il ċenteżmu (€53,048.16), li magħhom il-bank attur jippretendi li għandhom jiżdiedu l-imgħaxijiet ulterjuri wara dik id-data. Jirriżulta wkoll li l-unika ittra uffiċjali interpellatorja li ntbagħtet mill-bank attur lill-konvenut kienet dik tat-18 ta' Jannar, 2010, meta l-konvenut kien diġà naqas li jonora l-obbligi assunti minnu fil-konfront tal-bank attur, u wara dik id-data ma kien hemm l-ebda interpellanza ġudizzjarja oħra lill-konvenut da parti tal-bank attur. Ir-rappreżentanta tal-bank xehdet li kienu saru diversi tentattivi da parti ta' uffiċjali tal-bank attur biex jiġi stabbilit kuntatt mal-konvenut, inkluż permezz ta' *emails* u telefonati, iżda ma nġabet l-ebda prova ta' *logs* tat-telefonati li kienu saru u fuq liema numru dawn saru, bħalma lanqas ma nġabet prova tal-*emails* li ntbagħtu minn uffiċjali tal-bank lill-konvenut.

---

[19] L-ammont indikat fis-*sanction letter* huwa ta' €30,050.

Min-naħa tiegħu l-konvenut xehed li l-ebda ammont mhuwa dovut minnu, u kwalsiasi self li seta' kellu mal-bank attur kien ilu li tħallas. Il-konvenut insista li fit-tmien snin li kien ilu nieqes minn Malta, ma kien sar l-ebda kuntatt miegħu mill-bank, u in vista tal-mogħdija ta' daqstant żmien, hu ma jistax jifhem il-bank fuq xiex qiegħed jibbaża l-pretensjonijiet tiegħu għall-ħlas. Il-konvenut kien konsistenti fil-fehma tiegħu li m'għandu jagħti xejn lill-bank attur, u li kwalunkwe self li seta' kien hemm fil-passat, kien ilu li tħallas. Madanakollu l-konvenut ma ġab l-ebda prova ta' tali ħlasijiet, u qal li m'għad għandu l-ebda dokument fil-pussess tiegħu taż-żmien meta huwa kellu faċilitajiet mal-bank attur.

Il-Qorti tqis li l-pretensjoni tal-bank attur għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-eċċezzjoni mqajma mill-konvenut, li l-azzjoni tal-bank hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, u dan in vista tal-fatt li tħalla jgħaddi żmien pjuttost twil fejn il-bank attur m'għamel l-ebda komunikazzjoni mal-konvenut dwar il-pretensjonijiet li qiegħed iġib 'il quddiem b'din il-kawża.[20] Mill-provi jirriżulta li l-bank attur kien ikkonċeda faċilitajiet ta' self lill-konvenut lura fis-7 ta' Ottubru, 2008, u kif jirriżulta mill-atti ppreżentati fil-kawża, dan is-self ingħata lill-konvenut minkejja li fis-snin ta' qabel kien hemm istanzi fejn dan naqas milli jħares l-obbligi assunti minnu fil-konfront tal-bank. Il-bank attur flok kien aktar kawt u mmonitorja l-andament tat-tħaddim tal-kontijiet bankarji mill-attur bid-diversi mezzi u riżorsi li għandu għad-dispożizzjoni tiegħu, ħalla jgħaddi inutilment perijodu ta' żmien li matulu l-bank m'għamel xejn biex jirkupra dak li allegatament kien dovut lilu. Uffiċjali tal-bank attur li xehdu fil-kawża qalu li min-naħa tagħhom kienu għamlu diversi tentattivi

[20] L-artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili: "Il-preskrizzjoni hija wkoll mmezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi."

sabiex jikkomunikaw mal-konvenut, iżda l-uniku mezz li bih tista’ tiġi interrotta l-preskrizzjoni f’każ bħal dan huwa billi jiġi ppreżentat att ġudizzjarju.[21] Jirriżulta wkoll li l-unika darba li ġie ppreżentat att ġudizzjarju f’dan il-każ kien permezz ta’ ittra uffiċjali ppreżentata fit-18 ta’ Jannar, 2010, u wara dik l-ittra uffiċjali, li l-konvenut ma rreaġixxiex għaliha, il-bank attur ma bagħat l-ebda att ġudizzjarju ieħor lill-konvenut. Il-Qorti trid tissottolinea l-fatt, li anki jekk kien diffiċli għall-uffiċjali tal-bank li jistabbilixxu kuntatt dirett mal-konvenut minħabba li dan kien qiegħed jirrisjedi barra minn Malta, madanakollu bl-istess mod li l-bank attur kien jaf fejn għandu jinnotifika lill-konvenut bl-atti ta’ dawn il-proċeduri, seta’ jinnotifika lill-konvenut fl-istess indirizz b’atti ġudizzjarji oħra. Imma minn dan kollu, mill-provi jirriżulta li ma sar xejn. Barra minn hekk rappreżentant tal-bank li xehdet f’dawn il-proċeduri, Marisa Debono, li esebiet rapport dettaljat dwar ir-relazzjoni li kellu l-bank attur mal-konvenut, naqset milli tippreżenta kopja sħiħa ta’ dan ir-rapport, minn fejn kellhom jirriżultaw it-tentattivi kollha li għamlu esponenti tal-bank attur sabiex jistabbilixxu xi forma ta’ kuntatt mal-konvenut. B’żieda ma’ dan Il-Qorti tirrileva li ma nġiebet ebda prova li ġie notifikat xi att ġudizzjarju ieħor, jew li almenu kien hemm tentattiv ta’ notifika ta’ xi att ġudizzjarju ieħor, għajr għall-ittra uffiċjali tat-18 ta’ Jannar, 2010. Dan ifisser li l-konvenut huwa korrett fl-asserzjoni tiegħu li tul it-tmien snin li huwa kien ilu nieqes minn Malta, huwa ma rċieva l-ebda komunikazzjoni jew xi forma ta’ korrispondenza mingħand il-bank attur. Huwa fid-dawl ta’ dawn iċ-ċirkostanzi li l-konvenut qiegħed jinsisti li huwa m’għandu jagħti xejn lill-bank attur, u apparti li jeċċepixxi l-preskrizzjoni kwinkennali, jgħid ukoll li kwalsiasi debiti li huwa qatt kellu mal-

[21] L-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li: “Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att ġudizzjarju ppreżentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur innotifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher biċ-ċar illi s-sid jew il-kreditur bi ħsiebhom iżommu l-jedd tagħhom.”

bank attur, kienu ġew imħallsa minnu. Però prova ta' tali ħlas da parti tal-konvenut, ma nġabitx lanqas.

Il-konvenut jinsisti li fl-*affidavit* tiegħu huwa ħa l-ġurament deċiżorju *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili[22], u li huwa bil-ġurament tiegħu insista li mhuwiex debitur tal-bank attur. Iżda l-Qorti tirrileva li f'dan il-każ, il-bank attur ma ddiferixxa l-ebda ġurament bħal dan lill-konvenut, u għalhekk ma jistax jiġi preżunt li dak li xehed dwaru l-konvenut fl-*affidavit* tiegħu għandu jitqies daqslikieku hu ntalab jieħu ġurament *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili u wieġeb għad-domandi ristrettissimi li l-kreditur jista' jistaqsi meta jagħżel li jirrimetti ruħu għal dak li se jixhed id-debitur meta jitolbu jieħu l-ġurament deċiżorju. Dwar il-mod kif għandu jiġi diferit il-ġurament deċiżorju u f'liema stadju tal-kawża dan għandu jingħata, il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom kemm-il darba. F'deċiżjoni fl-ismijiet **R. Bajada Enterprises Ltd. *vs.* Kummissarju tal-Artijiet**[23], intqal:

> "Il-*guramento decisorio,* trattat taħt l-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, iġorr miegħu konsegwenzi legali ben speċifiċi fl-eventwalità li r-risposta tad-debitur għad-domanda posta mill-kreditur ai termini tal-imsemmi artikolu tal-liġi tkun li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. In effetti f'tali ċirkostanzi l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tiċħad it-talba tal-kreditur għall-ħlas."

[22] L-artikolu 2160 (1): "Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa."

[23] P.A., 23.02.2016.

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Aquilina Francis Xavier sive Mose *vs* Aquilina Emanuel J. noe**[24], il-Qorti qalet:

"L-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar il-ġurament deċiżorju dejjem kien interpretat b'mod illi min jeċċepixxi l-preskrizzjoni jeħtieġlu jixhed *viva voce* dwar il-kweżit hemm imniżżel, u ċioe li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa hix imħallsa. Anke jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tkun ġuramentata meta hekk ippreżentata, dment illi ma ssirx il-prova skont l-artikolu 2160 il-Qorti xorta ma tistax tiddeċiedi favur l-eċċipjent għaliex jitqies li ma tkunx inġiebet prova dwar dik l-eċċezzjoni."

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku *vs.* HSBC Bank Malta p.l.c.**[25], il-Qorti għamlet riferiment għal diversi deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qrati tagħna tul is-snin dwar din il-kwistjoni:

"Imiss lill-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni tiġi eċċepita li tiddiferixxi l-ġurament lill-eċċipjent. Jekk hi ma tiddeferixxix il-ġurament il-Qorti ma tistax tordnah *ex officio.* (**Diego Attard et noe *vs* Angelo Fenech.** App. Kummerċjali. 15.02.1965);

Bħala regola ġenerali d-dilazzjoni ta' dan il-ġurament, minħabba n-natura tiegħu, għandha ssir wara li jkunu ġew magħrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni, jew sospensjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni li tkun ġiet eċċepita, u mhux qabel." (**Inġinier Francesco M. Caruana *vs* Konti Francesco Sant Cassia et noe,** App. Ċiv. 11.10.1940);

Jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjeni bħala ammissibbli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħu fil-kuxjenza tad-debitur." (**Vincenzo Vella *vs* Carmela armla Sciberras –** Qorti Ċivili P.A., 16.01.1963; **Salvatore Jacono *vs* Vincenza vedova Serra –** Appell Ċivili, 04.02.1927)."

[24] P.A., 14.12.2001.
[25] P.A., 01.07.2014.

Fil-każ odjern, kien il-bank attur li kellu jilqa' għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut billi jagħth l-ġurament deċiżorju *ai termini* tal-artikolu 2160 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, xi ħaġa li ma saritx, jew inkella l-bank attur bħala kreditur kellu mezzi oħra biex jiddefendi ruħu mill-eċċezzjoni tal-konvenut, jiġifieri l-prova tar-rinunzja jew l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ ma nġabet l-ebda prova, la min-naħa tal-attur u lanqas min-naħa tal-konvenut, li l-preskrizzjoni ġiet interrotta, u għajr għall-ittra uffiċjali waħda li ntbagħtet f'Jannar tas-sena 2010, ma kien hemm l-ebda att ġudizzjarju ieħor da parti tal-bank attur fil-konfront tal-konvenut. Id-dokumenti esebiti mill-bank attur li jelenkaw dettaljatament il-korrispondenza li kien hemm bejn il-bank u l-konvenut, kollha jirreferu għar-relazzjonijiet bejn il-partijiet qabel intbagħtet l-ittra uffiċjali, u minkejja li x-xhud Marisa Debono wegħdet lill-Qorti li kienet ser tippreżenta rapport sħiħ dwar il-korrispondenza kollha li rappreżentanti tal-bank kellhom mal-konvenut, din il-prova baqgħet ma tressqitx. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova oħra quddiema, għajr għal dak li xehdu uffiċjali tal-bank li qalu li għamlu tentattivi varji biex jikkomunikaw mal-konvenut, iżda ma setgħux isibuh, li permezz tagħha jista' jkollha l-konfort meħtieġ li l-preskrizzjoni kwinkennali f'dan il-każ ġiet interrotta bil-mod preskritt mil-liġi, jiġifieri bil-preżentata ta' att ġudizzjarju. Lanqas mhu skużanti dak li ntqal li l-bank attur li ma kienx jaf l-indirizz tal-konvenut jew b'liema mod seta' jikkomunika miegħu, għax meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni, il-bank kien jaf fejn kellu jinnotifika dawn l-atti. Ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn għal perijodu ta' tmien snin sħaħ, il-bank attur ma għamel xejn u ma bagħat l-ebda ittra uffiċjali biex jinterrompi kwalsiasi perijodu preskrittiv li beda jiddekorri, partikolarment f'ċirkostanzi li jissuġġerixxu li l-konvenut kien diġà *defaulter* drabi oħra, fejn allura li l-movimenti kollha tal-konvenut

kellhom ikunu segwiti aktar mill-viċin u mmonitorjati b'aktar regolarità mill-bank attur.

Tul dawn il-proċeduri, u b'mod partikolari fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minnu, il-bank attur ħa l-pożizzjoni li ladarba l-konvenut ammetta li kien hemm self bankarju meta qal li dan kien tħallas kollu, u meta qal li kien hemm self bankarju li ttieħed biex jinxtara żiemel, u li dan is-self kompla jitħallas minn terza persuna li m'għandha x'taqsam xejn ma' dawn il-proċeduri, kien hemm rinunzja taċita da parti tal-konvenut għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula illi:

> "Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni tkun bdiet miexja."

Għall-bank attur, il-fatt li l-konvenut qal li huwa m'għandu jagħti xejn lill-bank, u li kwalsiasi self li kien hemm għaxar snin qabel infetħu dawn il-proċeduri, kien tħallas kollu, jammonta għal rinunzja taċita tal-preskrizzjoni. Il-Qorti tirrileva li l-pożizzjoni tal-konvenut f'dawn il-proċeduri dejjem kienet waħda konsistenti, fis-sens li huwa dejjem ċaħad li għandu jagħti xi ħaġa. Il-Qrati tagħna tul is-snin taw diversi sentenzi fejn ġew stabbiti l-elementi li jwasslu għal rinunzja taċita tal-preskrizzjoni. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *vs.* Joseph Quattromani**[26], il-Qorti qalet illi:

> "L-Artikolu 2109(1) tal-Kapitolu 16 testwalment jipprovdi illi "r-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita". Fil-każ ta' rinunzja espressa din trid tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi, u fil-każ ta' rinunzja taċita għandha tiġi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tiġi deżunta ma tkunx tista' tiġbed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-

[26] Appell Inferjuri, 19.05.2004.

rinunzja (Art. 2109(2). **Michele Tabone et *vs* Emmanuele Sammut noe,** Prim Awla 10.10.1950; **Carmelo Galea *vs* Dottor Albert Camilleri noe,** App. Ċiv. 18.03.1977).

Hija dottrina komunement aċċettata illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volontà inekwivokabbli tal-konvenut debitur li jabdika għall-effetti tal-preskrizzjoni u li ma jridx japprofitta ruħu mill-preskrizzjoni kompjuta. Kif drabi oħra ntqal, "*l'esame della natura dell'atto e la sua efficacia ad operare la rinuncia è rimesso dell'apprezzamento dei tribunali, in quali devono ancora prendere in calcolo tutte le circostanze in cui l'atto fu eseguito e che possono talora spiegare la sua efficacia* (Kollezz. Vol. XXVIII.ii. p. 112)."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Perit Joseph Barbara et *vs.* Segretarju tal-War Damage Commission**[27], intqal illi:

"In kwantu għar-rinunzja tal-preskrizzjoni ġia kompita, ġie osservat li min jaċċetta li jħallas parti minn somma reklamata kontra tiegħu, wara li jkun għadda ż-żmien tal-preskrizzjoni favur tiegħu, jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni ġia akkwistata.[28] Biex l-attijiet tad-debitur jiġu interpretati bħala rikonoxximent jeħtieġ li jkunu univoċi. Sempliċi kollokwiji bejn kreditur u debitur ma jammontawx għal rikonoxximent tad-dejn.

Ir-rikonoxximent, da parti tad-debitur, li jinterrompi l-preskrizzjoni jrid jirriżulta minn provi ċari u univoċi u li manifestement ikunu inkompatibbli mal-volontà tal-preskriventi li jikkontesta l-eżistenza u l-eżerċizzju tad-dritt.

...

Ir-rinunzja leċita għall-perijodu preskrittiv estintiv tal-azzjoni trid tirriżulta minn fatt li jippresupponi l-abbandun tad-dritt akkwistat. Il-volontà taċita għandha tkun ċerta daqs dik espressa, u għalhekk ir-rinunzja trid tkun tali li ma tħalli ebda dubju dwar l-intenzjoni li jiġi abbandunat id-dritt akkwistat permezz tal-preskrizzjoni. Fi kliem ieħor ir-rinunzja għall-preskrizzjoni trid tkun riżultat ta' attijiet jew fatti li ma jistgħux jitfissru jew jittieħdu b'ħaġa oħra ħlief bħala rinunzja jew ammissjoni. Fil-każ ta' dubbju l-apprezzament għandu jwassal għal konvinċiment kontra r-rinunzja u mhux favur."

[27] P.A., 15.10.2003.

[28] **Annunziato Camilleri *vs.* Angelo Borg**, P. A., 21.03.1959.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ mill-provi ma jirriżultax li l-konvenut b'xi mod irrinunzja għall-preskrizzjoni jew ammetta li hemm xi debiti dovuti minnu. Għall-kuntrarju, il-pożizzjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri kienet li huwa m'għandu jagħti xejn lill-bank attur, mhux biss għaliex is-self ikkontrattat kien tħallas, iżda wkoll in vista tal-mogħdija ta' żmien li matulu l-bank attur m'għamel xejn biex jinterpella lill-konvenut jersaq għall-ħlas ta' dak li l-bank jgħid li huwa dovut lilu. Il-Qorti tirrileva li kuntrarjament għal sitwazzjonijiet fejn l-allegat debitur jikkontesta l-*quantum* tad-debitu dovut minnu, f'dan il-każ l-allegat debitur qiegħed jikkontesta l-eżistenza tad-dejn, anzi qiegħed jinsisti li kwalsiasi dejn li kien ġie ikkontrattat, ilu li tħallas. Huwa minnu li prova ta' dan ma nġabitx mill-konvenut, iżda l-Qorti tqis li quddiem il-prova li l-bank attur ħalla tmien snin jgħaddu qabel ma ppreżenta xi att ġudizzjarju li bih ittenta jiġbor dak allegatament dovut lilu, tqis li l-azzjoni tal-bank attur hija preskritta. Il-pożizzjoni tal-konvenut fil-kawża hija ċara, u mill-mod kif laqa' għat-talbiet tal-bank attur u minn dak li xehed fil-kawża, il-Qorti ma tistax loġikament tasal għall-konklużjoni li l-konvenut irrinunzja b'xi mod għat-terminu preskrittiv li ddekorra favur tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut li t-talba attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-bank attur.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-bank attur.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**